MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 67/2007/3

Helen Grech

Vs

Registratur Qrati Civili u Tribunal ghal Ghawdex, Avukat Dr Kevin Mompalao, Avukat Dr Malcolm Pace, With It Limited, John u Jacqueline konjugi Mizzi u Avukat Dr Joseph Ellis

Il-Qorti;

1. Dan hu rikors[1] li permezz tieghu Helen Grech, li kienet parti fil-kawza **John Mizzi et vs With It Limited** (Rikors numru 67/2007) deciza fid-19 ta' Novembru 2008 u li saret gudikat, qeghda titlob li l-qorti tordna lir-Registratur tirrevedi t-taxxa ufficjali mahruga fit-23 ta' Marzu 2009. L-ilment ta' Helen Grech hu li r-Registratur

[1] Prezentat fit-23 ta' Marzu 2009.

ghamlt il-kalkoli fuq valur ta’ hamsa u ghoxrin elf sitt mija u sitt ewro (€25,606), cjoe’ s-somma likwidata mill-qorti fis-sentenza. Ir-rikorrenti ssostni li l-kalkoli kellhom isiru fuq somma ferm ikbar in kwantu l-pretensjoni tal-atturi (il-konjugi Mizzi) kienet ghall-hlas ta’ penali f’ammont iktar minn dak li llikwidat il-qorti. Ghalhekk ghamlet din il-procedura sabiex it-taxxa tigi riveduta, *“.....billi kemm d-dritt tar-registru, kif ukoll id-dritt ta’ l-avukat jigi rivedut u mahdum skond l-ammont intier pretiz mill-atturi fil-kawza taghhom.”*.

2. Risposti bil-miktub saru biss minn Joseph u Jacqueline konjugi Mizzi (fol. 7) u mill-avukat Dr Joseph Ellis (fol. 8) li sostanzjalment ighidu l-istess haga, u cjoe’:

(a) Nuqqas ta’ kompetenza *ratione valoris*.
(b) Irritwalita’ u nuqqas ta’ integrita’ tal-procedura peress li l-partijiet ma gewx kjamati fil-kawza ghalkemm inghataw il-fakulta’ li jipprezentaw risposta.
(c) Irritwalita’ ghalie l-intimat hu mnizzel diversament fid-digriet tal-1 ta’ April 2009 mir-rikors promotur minghajr ma ntalab permess sabiex issir korrezzjoni.
(d) Helen Grech m’ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tigi riformata t-taxxa tad-dritt tar-registru u tal-avukat li assistiha fil-kawza.
(e) It-talba tar-rikorrenti kienet ghal-likwidazzjoni tal-ammont dovut bhala kera u ghalhekk ir-registratur kien korrett meta ghamlet il-kalkoli fuq is-somma li llikwidat il-qorti (ma tissemmix fir-risposta tal-avukat Dr Joseph Ellis).

3. Mill-atti tal-kawza fuq imsemmija jirrizulta li t-taxxa harget fl-10 ta’ Marzu 2009. F’dik il-kawza saru zewg talbiet:-

***“1. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi mis-socjeta konvenuta bhala kera tal-fond imsemmi ai termini ta’ l-iskrittura precitata;***

***2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta u lill-konvenuta Helen Grech bhala garanti solidali tas-socjeta konvenuta ghall-hlas solidali ta’ l-ammont hekk likwidat.”*.**

Skond it-taxxa l-ispejjez gudizzjarji ta' Helen Grech huma ta' elf hames mija u tlieta u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (**€1,543.54)**.

4. Hu fatt li mir-rikors guramentat jirrizulta li l-konjugi Mizzi kienu qeghdin jippretendu hlas ta' kera ghall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2006 sa l-ahhar ta' Frar 2021[2]. Fl-20 ta' Gunju 2007 il-konjugi Mizzi talbu li jinhareg mandat ta' inibizzjoni[3] ghas-somma ta' Lm195,145 bhala kera ghall-fond 40C, Triq Palma, Victoria, Ghawdex. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-konjugi Mizzi pprezentaw fl-1 ta' Settembru 2008 fil-kawza fuq citata, iddikjaraw li kienet dovuta s-somma ta' €25,507 u ammont skond klawzola sitta (6) tal-ftehim lokatizju. Komplew ighidu: ***"Ghaldaqstant, l-ammont dedott bl-ittra ufficjali numru 666 tas-sena 2006 ipprezentat fid-19 ta' Settembru 2006 huwa dovut lill-atturi flimkien ma' l-imghax skond il-ligi."***[4]. Permezz tal-ittra ufficjali 666 tas-sena 2006[5] il-konjugi Mizzi nterpellaw lir-rikorrenti u lil With It Limited sabiex ihallsu s-somma ta' Lm195,415 u f'dan l-att regghet saret riferenza ghall-klawzola numru 6 tal-ftehim lokatizju. Mela m'hemmx dubju li fil-kawza, il-konjugi Mizzi kienu qeghdin jippretendu li Helen Grech u l-konvenuta l-ohra jigu kundannati jhallsu s-somma ta' Lm195,415.

5. Fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2009 l-avukat Dr Joseph Ellis iddikjara li fil-kors tas-smiegh tar-rikors kien irrizulta li r-rikors gie originarjament intavolat fl-atti tal-kawza **John Mizzi et vs With It Ltd et** (Cit. numru: 67/2007) u li l-procedura giet mibdula ghal wahda ta' ritassa minghajr talba tar-rikorrenti. Il-qorti hi tal-fehma li dawn it-tip ta' argumenti joholqu kumplikazzjonijiet bla bzonn meta ma jolqtux id-difiza fuq il-meritu tal-kwistjoni. Min-naha taghha r-rikorrenti ddikjarat li *"....l-meritu ta' dan ir-rikors kien ir-ritassa u ghalhekk huwa* ***jikkonsentixxi ghal kull***

---

[2] Ara paragrafu numru 6 tar-rikors guramentat **John Mizzi et vs Is-socjeta With It Limited** (Rikors numru 67/2007).
[3] Numru 46/2007.
[4] Fol. 137 tal-kawza 67/2007.
[5] Fol. 48 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 46/2007.

***korrezzjoni li saret sabiex ir-rikors tieghu jkun proceduralment effettiv.*** *"*(enfazi tal-qorti). Mir-rikors promotur hu evidenti li l-okkju kien jaqra **John Mizzi et vs With It Limited u Helen Grech** (Rikors Guramentat 67/2007), imbaghad saret korrezzjoni mid-deputat registratur Anthony Mizzi li permezz taghha zdied dan l-okkju: ***"Helen Grech vs Registratur tal-Qrati (Ghawdex) wara......."***. Hu fatt li l-kawza giet fit-tmiem taghha bis-sentenza li nghatat fid-19 ta' Dicembru 2008. Ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ghal Ghawdex ma kenitx parti f'dak il-process. Meta fl-10 ta' Marzu 2009 inharget taxxa gdida, dak kien att indipendenti mill-kawza. Minkejja l-okkju kif kien jaqra fir-rikors promotur li pprepara d-difensur tar-rikorrenti, hu evidenti li l-procedura hi ta' ritassa ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12. Il-qorti taqbel li f'dawn il-kazijiet l-okkju ghandu jkun ir-rikorrent kontra r-registratur, in kwantu l-ilment tar-rikorrent hu kontra r-registratur peress li l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati minnha. A skans ta' kull ekwivoku ghal kull interess li jista' jkollhom hu desiderabbli li jizdied l-isem tal-persuni li kienu parti fil-kawza u tad-difensuri taghhom. Madankollu l-qorti mhi tara l-ebda irritwalita' bil-fatt li fil-hin tal-prezentata tar-rikors id-deputat registratur, ghan-nom tar-registratur, ghamel korrezzjoni fl-okkju tar-rikors. Ghallinqas il-qorti hekk fehmet li sar f'dan il-kaz minn dak li rrizulta waqt is-sottomissjonijiet. Dan irrispettivament jekk saritx fuq talba espressa tar-rikorrenti jew fuq inizjattiva personali tad-deputat registratur li ghamel il-korrezzjoni. Korrezzjoni li saret sabiex tirrifletti l-affarijiet kif inhuma fir-realta', u li wara kollox ir-rikorrenti ddikjarat li taqbel maghha. Madankollu l-qorti hi xorta tal-fehma li fil-mument li jkun qieghed jigi prezentat l-att gudizzjarju tista' ssir korrezzjoni, pero' din ghandha ssir fuq talba tal-parti. Ir-registratur u s-subalterni taghha m'ghandhomx jassumi r-responsabbilta' li minn jeddhom jaghmlu xi korrezzjoni fl-att gudizzjarju, minkejja l-intenzjoni tajba li jkollhom f'dak li jaghmlu. L-Artikolu 183 tal-Kap. 12 jipprovdi x'inhuma d-dmirijiet tar-registratur meta jigu prezentati atti gudizzjarji, u korrezzjonijiet *ex officio* m'humiex kontemplati bhala dmir tar-registratur. Hu ovvjament fl-interess u d-dmir tal-

parti li tizgura li l-att li tkun ser tipprezenta ikun konformi ma' dak li titlob il-ligi.

6. Fir-rigward tal-eccezzjoni dwar il-kompetenza *ratione valoris*, kif rajna r-rikorrenti qeghda tippretendi li l-ispejjez gudizzjarji taghha messhom kienu iktar minn dawk li effettviament gew likwidati u ntaxxati mir-registratur, in kwantu ssostni li l-likwidazzjoni ma kellix issir fuq is-somma ta' €25,606 imma somma ferm ikbar. Certament, minghajr ma wiehed iqies il-kwistjoni dwar jekk ghandix interess li zzid l-ispejjez gudizzjarji taghha, ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt li titlob ritassa sabiex jizdiedu l-ispejjez tal-partijiet l-ohra fil-kawza kif ikunu gew intaxxati mir-registratur. Ghalhekk jekk kellu jsir l-ezercizzju li trid li jsir ir-rikorrenti, dan jista' jirreferi biss ghall-ispejjez gudizzjarji taghha. Dan m'huwiex xi kaz fejn ir-rikorrenti qeghda tikkontesta t-taxxa minhabba li l-ispejjez gudizzjarji (kif intaxxati mir-registratur) li jkollha thallas lill-konjugi Mizzi huma eccessivi. F'dak il-kaz il-konkluzjoni kienet tkun certament differenti, in kwantu r-rikorrenti kien ikollha kull interess li kemm jista' jkun tnaqqas l-ispejjez gudizzjarji li ghandha thallas lill-parti l-ohra.

Ghalhekk, b'rizerva ghal kwistjoni jekk ir-rikorrenti ghandix interess li taghmel rikors skond l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 li ser ifisser li jizdiedu l-ispejjez taghha, din il-qorti m'hijiex kompetenti *ratione valoris* in kwantu anke jekk kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti, l-ammont li ghalih tigi riveduta t-taxxa jkun taht il-kompetenza ta' din il-qorti (ara provvediment moghti minn din l-istess qorti fil-procediment ta' ritassa fl-ismijiet: **Francis Saliba et vs Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex**, 15 ta' April 2009). Fil-fehma tal-qorti hu desiderabbli li l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 jigi emendat sabiex b'mod espress jipprovdi li procedura ta' ritassa **ghandha** ssir quddiem l-istess qorti (fejn ikun ghadu possibbli presjeduta mill-istess Imhallef jew Magistratli) li tat is-sentenza. B'hekk jigi evitat kull dubju li jista' sal-lum jista' ghad hemm dwar il-kompetenza tal-qorti, apparti l-fatt li jigi assigurat li fejn ikun ghadu possibbli tkun l-istess qorti (presjeduta mill-istess gudikant) li ppronunzjat is-sentenza li tiehu konjizzjoni ta' procediment li jsir *ai*

*termini* tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12. M’hemmx dubju li dik il-qorti ser tkun fl-ahjar posizzjoni li tistharreg u tiddeciedi dwar l-intaxxar tal-ispejjez gudizzjarji, meqjus li l-process fil-meritu jkun sar quddiemha.

7. Ghal dik li hi integrita’ ta’ gudizzju, il-procedura ssir kontra r-registratur tal-Qorti ghaliex l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati minnha. Bis-sahha tal-emendi li saru fl-1995, ir-rikors ghandu wkoll jigi notifikat lil kull min ghandu nteress. Hekk gara f’dan il-kaz. Il-ligi mbaghad taghti dritt lil min jigi notifikat sabiex jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin (20) jum. B’dan il-mod kull min ghandu nteress ikun jista’ jressaq l-argument tieghu in kwantu taxxa tolqot ir-relazzjoni bejn ir-registratur u l-partijiet, bejn il-kollitiganti u d-difensuri rispettivi taghhom. F’dan il-process kull min kellu nteress inghata l-opportunita’ li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu. Madankollu ghal kull buon fini l-qorti qeghda tordna korrezzjoni fl-okkju (ara Artikolu 175 tal-Kap. 12) fis-sens li wara l-kliem Registratur Qrati Civili u Tribunal ghal Ghawdex jizdiedu l-ismijiet: Avukat Dr Kevin Mompalao, Avukat Dr Malcolm Pace, With It Limited, John u Jacqueline konjugi Mizzi u Avukat Dr Joseph Ellis.

8. Hu evidenti li permezz ta’ dan il-procediment ir-rikorrenti qeghda tipprova tgholli l-ispejjez gudizzjarji (dritt tar-registru u tal-avukati) minn kif gew dikjarati mir-registratur fit-taxxa tal-10 ta’ Marzu 2009. Il-qorti taqbel mal-argument tal-intimati konjugi Mizzi u l-avukat Dr Joseph Ellis li f’dan il-kuntest ir-rikorrenti Helen Grech m’ghandix interess guridiku. Hu principju kardinali li min jintavola proceduri gudizzjarji jrid juri li permezz tal-azzjoni jkun jista’ jottjeni rizultat vantaggjuz jew skop utli. Minn dan kollu m’hemm xejn fil-kaz odjern. Ma rrizultax li minhabba t-taxxa mahruga mir-registratur tal-qorti r-rikorrenti ser tigi kostretta thallas iktar minn dak li suppost ghandha thallas. Fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2009 id-difensur tar-rikorrenti ddikjara li: *“....dwar l-eccezzjoni ta’ l-interess guridiku ta’ Helen Grech huwa altru minn ovvju li Helen Grech ghandha kull interess f’dawn il-proceduri peress illi hemm spejjez li trid thallas hi u hemm spejjez ohrajn li ser jinsisti li jithalsu skond is-sentenza cioe’ mill-*

*atturi nfushom.”*. Il-qorti ma taqbilx in kwantu bl-awment ta’ l-ispejjez gudizzjarji r-rikorrenti m’hijiex ser tkun f’posizzjoni ahjar milli hi llum. Ir-rikorrenti tidher li qeghda tinsa li jkollha thallas lill-avukat li ppatrocinaha fil-kawza, u li mieghu tezisti relazzjoni guridika. Inoltre l-avukati li jkunu qeghdin jidhru f’kawza lanqas ma jistghu jisservew bir-rikors li jsir mill-klijent sabiex jipprovaw jghollu d-dritt li hu dovut lilhom. Semmai setghu jikkontestaw it-taxxa mahruga mir-registratur billi ghamlu l-procedura f’isimhom.

9. Fil-meritu, ir-rikorrenti m’ghandix ragun ghallinqas zgur fir-rigward tad-dritt tar-registru. M’hemmx dubju li t-taxxa kellha ssir *ad valorem*, in kwantu l-pretensjoni tal-konjugi Mizzi kien ghall-likwidazzjoni u hlas. L-oggett principali tat-talbiet kien hlas ta’ kera. Ghal dak li hu dritt tar-registru tapplika **Tariffa A** li tirregola xi hlas ghandu jsir fil-mument li persuna tipprezenta kawza. Hlas li jkopri d-dritt tar-registru. Hu l-obbligu tar-Registratur li jintaxxa l-ispejjez li l-attur ghandu jhallas mal-prezentata tal-kawza, u skond l-istess tariffa m’ghandux jaccetta att jekk ma jkun akkumpanjat mill-hlas relattiv. Inoltre, skond paragrafu 9(2) il-likwidazzjoni tar-registratur, li ssir fl-istadju li qeghda tigi prezentata l-kawza, **<u>hi finali</u>**. F’dan il-kaz jirrizulta li meta fit-22 ta’ Gunju 2007 giet prezentata l-kawza, ir-registratur ma ghamilx it-taxxa *ad valorem* fis-sens li d-dritt li l-konjugi Mizzi hallsu ma kienx bazat fuq xi ammont li kienu qeghdin jippretendu minghand il-konvenuti. Wiehed jista’ jargumenta li minn qari tar-rikors guramentat u d-dokumenti annessi ma kienx hemm diffikulta’ sabiex d-dritt tar-registru li kellu jithallas jigi ntaxxat *ad valorem*, u skond paragrafu 3(1) tat-tariffa A. Kieku riedet ir-registratur kellha wkoll id-dritt li tinsisti li l-atturi jipprezentaw id-dikjarazzjoni guramentata *“....li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista’ jitlob jekk jigi stabbilit id-drittt tieghu...”* [ara paragrafu 4(1)(f)]. Pero’ hu evidenti li r-registratur ma ghamlet xejn minn dan u ghazlet li tipprocedi skond paragrafu 4(2) li jipprovdi: ***“Meta, minkejja r-regoli li hemm fis-subparagrafu (1) ta’ dan il-paragrafu, il-valur jibqa’ mhux cert jew mhux likwidu, idd-ritt intaxxat ghandu jkun mhux inqas***

***minn..... €582.34.'***[6]. F'dawn ic-cirkostanzi gialadarba nghatat sentenza li llikwidat l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' €25,506, ir-registratur ghamlet sew li ghamlet il-kakoli fuq l-ammont li llikwidat il-qorti in kwantu kien ifisser li hu dovut iktar hlas fi dritt tar-registru mill-hlas li ghamlu l-atturi fl-ammont ta' €582.34 meta pprezentaw il-kawza (23 ta' Gunju 2007). Dan b'applikazzjoni tal-paragrafu 4(3) li jipprovdi: *"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk,* ***wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza u dak il-valur hu cert jew ghandu jigi determinat skond il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, ir-Registratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza****.........".* Ghalhekk ir-registratur ghamlet sew li ntaxxat fuq il-valur li llikwidat il-qorti fis-sentenza tad-19 ta' Dicembru 2008.

Ghal dak li jikkoncerna d-dritt tal-avukat, il-posizzjoni m'hjiex daqstant cara. Ghalkemm fir-rikors guramentat it-talba tista' tkun sabiex il-qorti tillikwida ammont u tikkundanna lill-konvenut ihallas dak l-ammont, normalment fil-kors tal-kawza l-attur iressaq provi dwar l-ammont li jkun qieghed jippretendi. Jekk il-kawza jkollha ezitu favur l-attur, fis-sentenza l-qorti tiffissa l-ammont li jrid jithallas mill-konvenut. Jista' jkun, kif inhu f'dan il-kaz, li l-ammont likwidat mill-qorti hu ferm inqas minn dak li kien qieghed jippretendi l-attur. Id-domanda tqum wahedha, ir-registratur ghandu jintaxxa fuq il-valur determinabbli mill-provi (ezempju, prospett li fih hemm dikjarat kemm l-attur kien qieghed jippretendi) jew fuq il-valur likwidat mill-qorti ? Paragrafu 13 ta' Tariffa E jipprovdi xi hlas isir ***"...ghal kull sentenza definittiva."***. *Prima facie* dan il-paragrafu jaghti x'tifhem li qieghed jirreferi ghall-ammont li jkun gie likwidat permezz tas-sentenza. Fil-fatt lanqas ikun sew jekk ikun mod iehor fejn per ezempju l-qorti tkun ikkundannat lill-konvenut biex jaghmel tajjeb ghad-danni, in kwantu jekk l-intaxxar kellu jsir fuq il-valur kemm qieghed jippretendi l-attur ifisser li l-

[6] Fl-ewwel faccata tar-rikors guramentat (fil-parti ta' fuq) hemm il-kalkoli li ghamlet ir-registratur, u d-dritt ta' registru gie likwidat fis-somma ta' Lm250 ekwivalenti ghal €582.34.

konvenut jkollu jhallas l-ispejjez tal-attur fuq ammont ikbar minn dak li jkun gie likwidat permezz tas-sentenza. Pero' hemm ukoll paragrafu 14 li jipprovdi *"When a declaration containing a decision of any point of law or of fact concerns a value determinate or determinable according to law or from the records of the proceedings, the fee in respect of that decision shall be taxed in accordance with paragraph 13, on the value so determined."*. L-intimati konjugi Mizzi u l-avukat Dr Joseph Ellis ghamlu riferenza ghad-decizjoni **Salvatore Tonna vs Edgardo Staines nomine et** tat-23 ta' Frar 1935, fejn il-qorti ddikjarat li t-tassazzjoni tad-drittijiet ghandha tigi determinata mid-domanda, jew fuq dak li jirrizulta mis-sentenza meta l-ammont ma jigix determinat mid-domanda. Min-naha l-ohra pero' hemm ukoll l-interessi tal-avukati li jkunu qeghdin jiddefendu l-kawza, fis-sens li fil-fehma tal-qorti d-drittijiet taghhom ghandhom jirriflettu r-responsabbilitajiet u l-piz li jgorru mill-bidu sa l-ahhar tal-proceduri. Dan kollu li nghad jiehu iktar rilevanza meta tqies li fil-kors tal-kawza **John Mizzi et vs Is-socjeta With It Limited et** giet trattata l-kwistjoni dwar jekk kellix tapplika klawzola numru 6 tal-ftehim, li dwarha nghataw ukoll eccezzjonijiet mir-rikorrenti (numru 6 u 7), u li kienet tfisser eluf ta' ewro iktar kieku giet milqugha t-tezi tal-atturi. Rilevanti wkoll hu li ghalkemm ir-registratur intaxxat l-eccezzjonijiet numru 6 u 7 sollevati mir-rikorrenti fil-kawza (ara l-qoxra tal-process tal-kawza **John Mizzi et vs Is-socjeta With It Limited et** – Rikors numru: 67/2007)[7], pero' fir-realta' din m'hijiex riflessa fit-taxxa ufficjali datata 10 ta' Marzu 2009 u li tinsab bhala l-ahhar dokument fl-istess process. Pero fil-kaz tal-lum dan hu biss ezercizzju akkademiku in kwantu l-qorti ser tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u ghalhekk ma tqiesx li hu l-kaz li din il-materja ghandha tigi trattata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.**

[7] Somma ta' €116.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------